Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv

Prinċipalment, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tikkonstata l-inkompatibbiltà ta' għajnuna individwali mas-suq intern bi ksur, minn naħa, tal-Artikolu 250 TFUE u tal-prinċipju ta' kolleġjalità peress li din id-deċiżjoni ma ġietx adottata mill-Kulleġġ tal-Kummissarji u, min-naħa l-oħra, tal-Artikolu 108(2) TFUE kif ukoll tal-Artikoli 4 u 13 tar-Regolament Nru 659/1999 ([1]) peress li l-Kummissjoni ma fetħitx proċedura formali qabel ma adottat id-deċiżjoni tagħha.

2. It-tieni motiv

Permezz tat-tieni motiv ta' annullament, ippreżentat sussidjarjament, ir-rikorrenti tinvoka ksur tal-Artikolu 107(3) TFUE peress li l-Kummissjoni wettqet żball fid-deċiżjoni kkontestata meta eżaminat il-kompatibbiltà tal-għajnuna inkwistjoni mas-suq intern.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

---

## Rikors ippreżentat fil-25 ta' April 2016 – Make up for ever vs EUIPO – L'Oréal (MAKE UP FOR EVER PROFESSIONAL)

**(Kawża T-185/16)**

(2016/C 243/39)

*Lingwa tar-rikors: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Make up for ever SA (Pariġi, Franza) (rappreżentant: C. Caron, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* L'Oréal (Pariġi, Franza)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "MAKE UP FOR EVER PROFESSIONAL" – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 3 371 341

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' Frar 2016 fil-Każ R 3222/2014-5

### Talbiet

— tikkonkludi favur il-validità tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea semi-figurattiva "MAKE UP FOR EVER PROFESSIONAL" Nru 3 371 341 għall-prodotti u s-servizzi kollha msemmija fir-rikors;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— terġa' tibgħat il-kawża quddiem l-EUIPO sabiex tingħata segwitu ulterjuri, jekk ikun neċessarju;

— tikkundanna lill-kumpannija L'Oréal għall-ispejjeż li jirriżultaw mill-proċedimenti quddiem il-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO, il-Bord tal-Appell tal-EUIPO u minn dan ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' April 2016 – Anton Riemerschmid Weinbrennerei und Likörfabrik vs EUIPO – Viña y Bodega Botalcura (LITU)

**(Kawża T-187/16)**

(2016/C 243/40)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Anton Riemerschmid Weinbrennerei und Likörfabrik GmbH & Co. KG (Erding, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Koch Moreno, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Viña y Bodega Botalcura SA (Las Condes, iċ-Ċilì)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark ikkontestata*: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "LITU" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 684 833

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Frar 2016 fil-Każ R 719/2015-2

**Talbiet**

— tagħti sentenza li taċċetta r-rikors, u tannulla b'mod sħiħ id-deċiżjoni kkontestata;

— tordna li tiġi miċħuda l-applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea għat-trade mark verbali LITU fir-rigward tal-prodotti kollha;

— tikkundanna lill-konvenut u/jew lill-parti l-oħra fil-proċedura għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---